Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 16 ta' Lulju 2024**
**(OR. en)**

**12138/24**

**ECOFIN 852**
**UEM 243**
**SOC 571**
**EMPL 367**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 16 ta' Lulju 2024 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 11927/24 |
| Suġġett: | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2024 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku<br>– Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Lulju 2024) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2024 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, kif approvati mill-Kunsill fl-4042 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Lulju 2024.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR L-ANALIŻIJIET FIL-FOND TAL-2024 SKONT IL-PROĊEDURA TA' ŻBILANĊ MAKROEKONOMIKU**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JINNOTA li wara t-tnaqqis fl-2023, it-tkabbir ekonomiku tal-UE huwa mistenni jiżdied gradwalment, għalkemm b'pass irregolari fl-Istati Membri. JENFASIZZA l-impjiegi b'saħħithom u t-tkabbir fil-pagi reali fl-UE, hekk kif il-pressjonijiet inflazzjonarji naqsu, xprunati mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija. IFAKKAR fl-issikkar tal-kundizzjonijiet finanzjarji matul l-aħħar sentejn u JINNOTA t-titjib gradwali tal-kundizzjonijiet ta' kreditu. JENFASIZZA l-inċertezza kbira kontinwa rigward il-perspettiva globali fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni li għadha għaddejja tar-Russja kontra l-Ukrajna, is-sitwazzjoni drammatika fil-Lvant Nofsani u t-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu li jagħmlu l-kummerċ globali u s-swieq tal-enerġija suxxettibbli għal xokkijiet, minkejja l-progress li sar fil-kisba tas-sigurtà u r-reżiljenza tal-enerġija fl-UE.

2. F'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-importanza ta' monitoraġġ mill-qrib u azzjoni ta' politika rilevanti biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi. IQIS li l-analiżijiet fil-fond tal-2024 tippreżenta analiżi ta' kwalità għolja u komprensiva tas-sitwazzjoni f'kull Stat Membri taħt analiżi. JILQA' l-pubblikazzjoni bikrija tal-iskrutinju min-naħa tal-Kummissjoni tal-analiżijiet fil-fond tal-2024 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.

3. JENFASIZZA l-fatt li l-pressjonijiet fuq il-kostijiet u l-kompetittività tal-prezzijiet qed jonqsu, b'dinamiċi diverġenti madwar l-Istati Membri. JINNOTA r-riskju ta' pressjonijiet b'saħħithom aktar dejjiema fuq il-pagi u l-profitt korporattiv li mhumiex determinati miż-żieda fil-produttività. JAPPELLA għal azzjoni politika rapida, inkluż it-titjib tal-funzjonament tas-swieq, biex jiġi evitat it-telf fil-kompetittività u biex tingħata spinta lit-tkabbir tal-produttività.

4. JIRRIKONOXXI li l-kontijiet kurrenti ssaħħew bi prezzijiet tal-enerġija aktar baxxi, iżda għad hemm defiċits kbar fil-kontijiet kurrenti. JINNOTA li għadhom jippersistu surpluses kbar fil-kontijiet kurrenti f'xi Stati Membri, potenzjalment b'rilevanza transfruntiera.

5. JAGĦRAF li l-biċċa l-kbira tal-pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti negattivi tjiebu aktar fl-2023. JIRRIKONOXXI li tkabbir aktar baxx tal-PDG nominali u l-persistenza ta' ħtiġijiet kbar ta' self estern jistgħu jfixklu t-titjib ulterjuri tal-pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti f'xi Stati Membri.

6. JIEĦU NOTA li l-prezzijiet tad-djar saru moderati jew naqsu f'xi Stati Membri, u dan wassal għal tnaqqis fis-sovravalwazzjoni tas-swieq tad-djar. JINNOTA li fl-istess ħin, fi ftit Stati Membri oħra, il-prezzijiet tad-djar komplew jiżdiedu b'mod qawwi. JIRRIKONOXXI li kundizzjonijiet ta' finanzjament stretti persistenti x'aktarx imewwtu d-domanda u l-prezzijiet.

7. JINNOTA li l-iżbilanċi li ilhom jeżistu relatati ma' djun pubbliċi, privati u esterni għoljin naqsu f'bosta Stati Membri. JINNOTA li rati tal-imgħax għoljin jeħtieġu monitoraġġ xieraq f'termini tal-effetti tagħhom fuq il-finanzi pubbliċi, fejn il-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku huma għoljin, aggravati minn tnaqqis fit-tkabbir potenzjali, popolazzjoni li qed tixjieħ u inċertezza globali li għandhom impatt qawwi fuq il-perspettiva ekonomika. JAQBEL li t-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku potenzjali, anke billi jiġu implimentati b'mod effettiv ir-riformi strutturali, inkluż bħala parti mill-pjani għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll billi jiġi applikat b'mod effettiv il-qafas ta' governanza ekonomika riformat, għandu jappoġġa t-tnaqqis fl-ingranaġġ tad-dejn fuq perjodu medju.

8. JISSOTTOLINJA li s-settur bankarju baqa' reżiljenti u JINNOTA li ż-żieda fil-profittabbiltà tal-banek għenet biex ikomplu jissaħħu l-proporzjonijiet kapitali tagħhom. JENFASIZZA li s-self li ma jrendix kompla jonqos. JINNOTA li hija meħtieġa viġilanza sostnuta biex tiġi żgurata stabbiltà makrofinanzjarja kontinwa.

9. JISSOTTOLINJA l-importanza ċentrali tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fis-Semestru Ewropew. JINNOTA li r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 jibqa' l-istess, b'enfasi fuq (a) żbilanċi interni, inkluż dawk li jistgħu jirriżultaw minn dejn pubbliku u privat; l-iżviluppi tas-swieq finanzjarji u tal-assi, inkluż is-settur tad-djar; l-evoluzzjoni tal-flussi ta' kreditu tas-settur privat; u l-evoluzzjoni tal-qgħad; (b) l-iżbilanċi esterni, inkluż dawk li jistgħu jirriżultaw mill-evoluzzjoni tal-kont kurrenti u l-pożizzjonijiet ta' investimenti netti tal-Istati Membri; ir-rati ta' kambju reali effettivi; l-ishma fis-suq tal-esportazzjoni; il-bidliet fl-iżviluppi tal-prezzijiet u l-ispejjeż; u il-kompetittività mhux marbuta mal-prezzijiet, filwaqt li jitqiesu l-komponenti differenti tal-produttività. JINNOTA li globalment, il-Kummissjoni użat għodod analitiċi rilevanti, ikkomplementati minn analiżi kwalitattiva sostantiva, bil-ħsieb tal-isfidi speċifiċi ta' kull ekonomija. JILQA' ż-żieda fl-importanza ta' analiżi li tħares 'il quddiem u l-valutazzjoni ta' politiki rilevanti, b'kont meħud ukoll tal-gravità tal-iżbilanċi. JAPPELLA għal aktar tisħiħ tad-dimensjoni tal-UE u taż-żona tal-euro tal-Proċedura. JISSOTTOLINJA r-rilevanza għolja kontinwa tal-valutazzjoni tal-effetti konsegwenzjali bejn il-pajjiżi.

10. JAPPELLA għat-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku u t-twettiq ta' analiżi komprensiva tal-iżbilanċi makroekonomiċi eżistenti u potenzjali. JINNOTA l-kjarifika tal-Kummissjoni tar-rwoli rispettivi tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li fejn ir-riskji huma biss fiskali, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir għandu jitqies bħala l-mezz adatt għas-sorveljanza, iżda fejn, minbarra r-riskji fiskali, ikun hemm riskji makroekonomiċi aktar ġenerali, il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku tibqa' l-għodda adatta biex tikkomplementa s-sorveljanza skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi żgurat fehim komuni tal-approċċ għall-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-iżbilanċi u JENFASIZZA l-importanza tat-trasparenza u d-djalogu meta jiġu vvalutati l-iżbilanċi.

11. JIEĦU NOTA li Franza, il-Portugall u Spanja m'għadhomx qed jesperjenzaw żbilanċi fil-kuntest tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku. JIRRIKONOXXI li fi Franza, l-azzjoni politika għenet biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet relatati mal-kompetittività u t-tkabbir baxx fil-produttività. JAGĦRAF li jeħtieġ li jkomplu l-isforzi ta' politika, waqt li l-vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn pubbliku għoli jibqgħu u ser ikomplu jiġu mmonitorjati skont il-qafas rivedut ta' governanza ekonomika tal-UE. JIRRIKONOXXI li l-Portugall għamel progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn privat, tal-gvern u estern għoli, li huma mistennija li jkomplu jonqsu. JISSOTTOLINJA li Spanja għamlet progress sinifikanti fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet, relatati ma' dejn privat u estern għoli, u kien hemm tnaqqis fid-dejn tal-gvern.

12. JIEĦU NOTA li s-Slovakkja qed tesperjenza żbilanċi. JINNOTA li fis-Slovakkja, minkejja xi titjib reċenti, għadhom jippersistu l-vulnerabbiltajiet relatati mal-kompetittività tal-kostijiet, il-bilanċ estern, is-suq tad-djar u d-dejn tal-unitajiet domestiċi, u dan jirrikjedi azzjoni politika ulterjuri.

13. JIEĦU NOTA li Ċipru, il-Ġermanja, l-Ungerija, in-Netherlands u l-Iżvezja għadhom jesperjenzaw żbilanċi.

14. JIEĦU NOTA li l-Greċja u l-Italja jesperjenzaw żbilanċi wara li ġew identifikati bi żbilanċi eċċessivi fl-2023. JIRRIKONOXXI li fil-Greċja, il-vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn għoli tal-gvern u self li ma jrendix għoli fil-kuntest ta' qgħad għoli għadhom rilevanti iżda naqsu b'mod sinifikanti u huma mistennija li jonqsu aktar, iżda l-pożizzjoni esterna għadha dgħajfa. JAGĦRAF li għad hemm vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn għoli tal-gvern u tkabbir dgħajjef fil-produttività fl-Italja, f'kuntest ta' fraġilitajiet tas-suq tax-xogħol u xi dgħufijiet residwi fis-settur finanzjarju, li għandhom rilevanza transfruntiera. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-politiki fl-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet, inkluż azzjonijiet fil-qafas tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

15. JIEĦU NOTA li r-Rumanija qed tesperjenza żbilanċi eċċessivi, filwaqt li ġiet identifikata bi żbilanċi fl-2023. JINNOTA li fir-Rumanija, il-vulnerabbiltajiet relatati mal-kontijiet esterni, prinċipalment marbuta ma' defiċits kbar u li qed jiżdiedu tal-gvern, naqsu s-sena l-oħra iżda xorta baqgħu, filwaqt li żdiedu pressjonijiet sinifikanti fuq il-prezzijiet u l-kostijiet, u l-azzjoni politika ma kinitx biżżejjed.

16. JAPPELLA għall-applikazzjoni sħiħa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, inkluż l-attivazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Eċċessiv, fejn xieraq. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' azzjoni politika rapida u kontinwa biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi makroekonomiċi, inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fil-qafas tas-Semestru Ewropew. JENFASIZZA l-importanza ta' rabta b'saħħitha u ċara bejn l-iżbilanċi makroekonomiċi identifikati u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.